**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 19 ta' Frar 2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**Vs**

**MICHAEL BUTTIGIEG**

Kump Nru 441/2007

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Michael Buttigieg detentur tal-karta tal-identita numru 52170;** gie akkuzat talli:

1. Matul il-perjodu tas-17 ta' Mejju 2005 bhala detentur tal-fond 'Da Mickelino Confectionary', Triq il-Qalbiena Mostin, Mosta, b'diversi azzjonijiet maghmula minnek, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kissirt il-gumni tas-servizz elettriku u cioe tal-metre tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollok l-uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom stajt twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew marker fl-istess metre tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata kkomettejt serq tal-kurrent elettriku ta' valur LM5381.67 liema serq hu ggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tad-19 ta' Gunju 2008 (ara *folio* 53) u l-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara folio 56)

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-udjenza tallum stess ir-rapprezentant ta' l-Enemalta Alan Chetcuti, prezenti u debitament assistit minn Dr Amadeus Cachia, pprezenta dokument ufficjali, li gie mmarkat bhala Dok AC, fejn fih hemm ufficjalment iddikjarat li c-Chairman ta' l-Enemalta plc iddikjara li l-entita' Enemalta plc ma kien baqghala ebda pendenza fil-konfront ta' l-imputat u li l-istess entita' kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali mehuda permezz ta' dawn l-atti fil-konfront ta' l-imputat. Din id-dikjarazzjoni ta' rinunzja kienet qed issir skond ir-Regolament 88 tar-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Eletriku (Legistlazzjoni Sussidjarja 423.01).

Dan bhala fatt igib bhala konsegwenza t-tmiem ta' dawn il-proceduri.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, TIDDIKJARA L-PROCEDIMENT BHALA WIEHED EZAWRIT STANTE RINUNZJA DA PARTI TA' L-ENEMALTA PLC.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur